# Il-Fellus l-Ikrah

Kemm kienet sabiħa l-kampanja sajfija, u kemm kien sabiħ ir-razzett bil-ħnieżer, bit-tiġieġ, bil-qtates, bil-klieb ...

Ftit lil hinn minn dan kollu, papra bniet il-bejta tagħha biswit kanal tal-ilma. Ma kellhiex aptit il-geġwiġija li jgħixu fiha l-annimali l-oħra u riedet toqgħod qroqqa bil-kwiet.





"Għandi seba' mitt sena sakemm nara l-flieles tiegħi!" kienet tgħid il-papra bejnha u bejn ruħha. Iżda l-bajd dam biex ifaqqas u l-papra bdiet tiddejjaq xi ftit.

Darba minnhom semgħet ħoss ċkejken, *krikk krikk*, u l-bajd beda jfaqqas waħda waħda.

"Ċip! Ċip!" bdew itaqtqu l-flieles huma u jħarsu kurjużi madwarhom.

"Kwakk! Kwakk!" bdiet tirrispondihom ommhom. "Dawn l-isbaħ flieles tad-dinja! Kemm jien kuntenta!"

Imma kien hemm bajda minnhom, l-ikbar waħda fosthom, li baqgħet ma faqqsitx.

